31978D1028

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-18 ta' Diċembru 1978
li jistabbilixxi Kumitat ta' Pariri dwar it-Taħriġ Veterinarju

(78/1028/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Waqt li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Waqt li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni sottomess mill-Kummissjoni,

Billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ġunju 1974 li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali, il-Kunsill iddikkjara lilu nnifsu favur l-istabbiliment tal-kumitati ta' parir;

Filwaqt li, fil-kuntest tar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali u l-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-bidu u l-insegwiment ta' l-attivitajiet bħala kirurgu veterinarju, hu importanti li jiġi assigurat *standard* paragunabbli għoli ta' taħriġ;

Billi, biex ikun hemm kontribuzzjoni biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, hu mixtieq li jiġi stabbilit Kumitat ta' Pariri biex jagħti parir lill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat ta' Pariri dwar it-Taħriġ Veterinarju, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", għandu jiġi stabbilit fi ħdan il-Kummissjoni.

Artikolu 2

1. Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun biex jgħin li jiġi assigurat standard paragunabbli għoli ta' taħriġ veterinarju fil-Komunità.

2. Għandu jwettaq dan ix-xogħol b'mod partikolari bil-mezzi li ġejjin:

— l-iskambju ta' informazzjoni komprensiva dwar il-metodi ta' taħriġ u l-kontenut, il-livell u l-istruttura ta' korsijiet teoretiċi u prattiċi provduti fl-Istati Membri,

— id-diskussjoni u l-konsultazzjoni bl-iskop ta' l-iżvilupp ta' approċċi komuni għall-istandard li għandu jintlaħaq fit-taħriġ ta' kirurgi veterinarji u, kif xieraq, dwar l-istruttura u l-kontenut ta' dan it-taħriġ,

— iż-żamma taħt kontroll ta' l-adattament ta' t-taħriġ veterinarju għall-iżviluppi fix-xjenza veterinarja u l-metodi ta' tagħlim.

3. Il-Kumitat għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-opinjonijiet tiegħu u r-rakkomandazzjonijiet inkluż, meta jikkunsidra li dan huwa xieraq, suġġerimenti għall-emendi li għandhom isiru fl-Artikoli li għandhom x'jaqsmu mat-taħriġ veterinarju fid-Direttivi 78/1026/KEE [1] u 78/1027/KEE [2].

4. Il-Kumitat għandu wkoll jagħti parir lill-Kumissjoni dwar kull kwistjoni li l-Kummissjoni tista' tirreferilha fejn għandu x'jaqsam it-taħriġ veterinarju.

Artikolu 3

1. Il-Kumitat għandu jikkonsisti fi tliet esperti minn kull Stat Membru, kif ġej:

— espert li jipprattika l-professjoni,

— espert mill-istituzzjonijiet ta' tagħlim tax-xjenza veterinarja,

— espert mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

2. Għandu jkun hemm altern għal kull membru. L-alterni jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat.

3. Il-membri u l-alterni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu nominati mill-Istati Membri. Il-membri msemmija fl-ewwel u t-tieni inċiżi tal-paragrafu 1 u l-alterni tagħhom għandhom ikunu nominati fuq il-proposta tal-professjoni prattikanti u l-istituzzjonijiet tat-tagħlim veterinarju. Il-membri u l-alterni hekk nominati għandhom ikunu maħtura mill-Kunsill.

---

[1] ĠU L 362, tat-18-12-1978, p. 1.
[2] ĠU L 362, tat-18.12.1978, p. 7.

Artikolu 4

1. Iż-żmien tal-kariga ta' membru tal-Kumitat għandu jkun tliet snin. Wara li jiskadi dan il-perjodu l-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm ikunu provduti sostituti jew il-kariga tagħhom tiġġedded.

2. Iż-żmien ta' kariga ta' membru jista' jispiċċa qabel ma jiskadu tlett snin minħabba riżenja jew mewt tal-membru, jew is-sostituzzjoni tiegħu minn persuna oħra, skond il-proċedura deskritta fl-Artikolu 3. Din il-ħatra tkun għall-bqija taż-żmien tal-kariga.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jaħtar president u żewġ presidenti deputati mill-membri tiegħu stess. Għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. L-aġenda għal-laqgħat għandha titfassal mir-rappreżentant tal-kamra tal-Kumitat f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi tax-xogħol u jsejjaħ u jħalli osservaturi ta' l-esperti jgħinuh in konnessjoni ma' l-aspetti speċjali tal-ħidma tiegħu.

Artikolu 7

Is-segretarjat għall-Kumitat għandu jkun provdut mill-Kummissjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

H.-D. GENSCHER